MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 347/2003

**Terranet Limited**

**vs**

**Sportwetten Gera Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-1 ta' Lulju, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, hames mija u lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,501.25), oltre l-imghax fuq l-istess bir-rata kummercjali, rapprezentanti servizz ta' maintenance rez mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta'

konvenuta li r-rapprezentanti legali taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici ma huwiex dovut stante illi s-servizz illi ghalih qieghed jintalab il-hlas ma nghatax skond is-sengha u l-arti u lanqas skond il-ftehim de quo.

Illi inoltre s-socjeta’ konvenuta sostniet danni sostanzjali inkluz telf finanzjarju konsegwenza diretta tan-negligenza u imperizja tas-socjeta’ attrici fis-servizz moghti minnha u li tieghu qed jintalab il-hlas.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta fejn talbet illi:

Illi s-socjeta’ konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt tal-kontro-talba;

Illi s-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonata inkarigat lis-socjeta’ attrici sabiex tipprovdi lill-istess socjeta’ konvenuta b’servizz relatati ma’ internet connection *inter alia* business solutions u servizzi ta’ manteniment;

Illi s-socjeta’ attrici naqset milli tipprovdi s-servizz kif obbligat ruhha li taghmel ai termini tal-ftehim *de quo;*
Illi inoltre s-servizz moghti mis-socjeta’ attrici ma nghatax skond is-sengha u l-arti;

Illi b’konsegwenza diretta s-servizz moghti mis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata, s-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonata soffriet danni sostanzjali inkluz telf finanzjarju;

Ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonata, filwaqt li tirreferi ghas-suespost, titlob li Din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprovdi s-servizzi skond il-ftehim bejn il-partijiet u illi s-servizz moghti mis-socjeta' attrici ma nghatax skond is-sengha u l-arti.

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta soffriet danni konsegwenza diretta tal-ksur tal-ftehim kuntrattat u b'konsegwenza diretta ta' l-imperizja u n-negligenza tas-socjeta' attrici;

3. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mis-socjeta' konvenuta;

4. Tikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' konvenuta.

5. Ghal finijiet ta' kompetenza l-ammont pretiz ma jeccedix il-hames hamest elef lira (Lm5,000).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.
Is-socjeta' konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghal kontro talba tas-socjeta' konvenuta fejn is-socjeta' attrici eccepiet:

Illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta', stante li l-istess socjeta' ma sofriet ebda danni li ghalihom ghandha taghmel tajjeb is-socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke li kieku s-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata sofriet xi danni, li taghhom f'kull kaz trid taghmel il-prova, is-socjeta' attrici ma tahti xejn ghall-istess danni.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici qieghda fin-negozju tal-"*information technology"* u giet avvicinata mis-socjeta' konvenuta sabiex tipprovdilha servizz ta' co-location, maintenance u support ghas-sistema tal-computers taghha. Dan is-servizz kien jinvolvi t-trasport ta' xi computers tas-socjeta' konvenuta fl-ufficini tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta jkollha exposure fuq l-internet fi kwalunkwe hin f'erbgha u ghoxrin siegha kull jum.

Is-servizz beda jigi pprovdut u jidher illi l-ewwel zewg fatturi li baghtet is-socjeta' attrici gew imhallsa mis-socjeta' konvenuta. Dana kif xehed Marcel Spiteri *"credit controller"* mas-socjeta' attrici. Esebixxa wkoll it-*transaction history* Dokument MS 1 a fol 27. Reuben Azzopardi (a fol 57) *"technical operations manager"* mas-socjeta' attrici spjega kif tahdem is-sistema u kif is-socjeta' konvenuta bbenefikat mis-servizz moghti mis-socjeta' attrici. Il-Qorti tirrileva illi minkejja l-kawza giet differita diversi drabi ghal provi tas-socjeta' konvenuta, r-rapprezentant taghha qatt ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu, lanqas permezz ta' l-affidavit kif gie dikjarat diversi drabi mill-avukati tieghu ta' din il-kawza. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq ix-xhieda migjuba mis-socjeta' attrici li jidhrilha li hija wahda veritjera kif korroborata mid-dokumenti wkoll esebiti minnha.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, li rrekat danni kawza tal-agir tas-socjeta' attrici dawna ma gewx ippruvati u ghalhekk jisthoqq li jkunu michuda. Bizzejjed jinghad li kif gie mghallem il-gurisprudenza lokali *"dikjarazzjonijiet generici ta' telf finanzjarju kawzati b'agir tal-kreditur, ma jiggustifikawx lid-debitur izomm lura pagamenti ta' dejn. Jekk persuna tonqos milli tesegwixxi sehemha mill-ftehim skond id-diligenza mistennija minn bonus pater familias wiehed kellu diversi ghazliet xi jsegwi..."* (<u>Joe Xuereb Holdings Company Limited vs Marlene mart Francis Xuereb et</u> deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Gunju 2005), l-istess jinghad ghal kontro talba.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi filwaqt li tichad il-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta illi thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, hames mija u lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,501.25), rapprezentanti servizz ta’ maintenance rez mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------